**Ruling mogħti mill-Ispeaker, l-Onor. Anġlu Farrugia, fis-Seduta 47 tad-9 ta' Novembru 2022 dwar tweġibiet għal mistoqsijiet parlamentari**

Fil-ħin tal-Mistoqsijiet Parlamentari tas-seduta tal-lum l-Erbgħa, 9 ta' Novembru 2022, l-Onor. Ryan Callus ġibed l-attenzjoni tas-Sedja għar-risposta mogħtija għall-mistoqsija parlamentari 2875 li huwa għamel lill-Ministru għax-Xogħlijiet Pubbliċi u l-Ippjanar, l-Onor. Stefan Zrinzo Azzopardi.

Huwa qal hekk:

> "**ONOR. RYAN CALLUS:** Sur President, se nerġa' lura għad-domanda oriġinali tiegħi. Jidher li l-Ministru għażel li jinjora kompletament it-talba li għamilt jien. Sur President, ridt infakkrek, jekk tippermettili, fir-rulings li tajt inti, li fir-rigward ta' domanda parlamentari li għamilt, numru 2875, il-Ministru responsabbli m'għandux jirreferi għal informazzjoni li teżisti diġà fid-dominju pubbliku, iżda għandu jpoġġi dik l-informazzjoni fuq il-Mejda tal-Kamra. Għaldaqstant, ikolli nesiġi, Sur President, minħabba s-serjetà tal-kwestjoni ... Hawnhekk qegħdin nitkellmu dwar suspettat tbagħbis ta' lista tal-persuni li għandhom il-warrant ta' inġinier f'pajjiżna.
>
> **L-ISPEAKER:** Grazzi. Is-Sedja ħadet nota. Issa tagħti direzzjoni fuq it-talba tiegħek."

Is-Sedja rat ir-risposta li ngħatat mill-Ministru għax-Xogħlijiet Pubbliċi u l-Ippjanar u nikkwota:

> "Ninforma lill-Onor. Interpellant li l-informazzjoni li qed jitlob tiġi pubblikata fil-Gazzetta tal-Gvern kull sena u dan ai termini tal-Kap 321 tal-Liġijiet ta' Malta"

Is-Sedja tenni dak li ġie espress diversi drabi, kemm minnha kif ukoll minn Speakers preċedenti, li hija m'għandha l-ebda poter li b'xi mod tindaħal fil-kontenut tat-tweġibiet li jagħżlu li jagħtu l-Ministri.

Madankollu, is-Sedja tifhem u tagħraf l-importanza tar-rwol ta' skrutinju li għandha l-Kamra permezz tal-għemil ta' mistoqsijiet parlamentari, u għalhekk terġa tagħmel referenza għal diversi rulings preċedenti li ngħataw kemm minnha u kemm mis-Sedja kif diversament ippreseduta, li fi tweġibiet fejn fihom ssir xi referenza għal dokument ippubblikat, l-Onor Interpellant għandu jingħata kemm jista' jkun għajnuna biex jaqdi l-mandat tiegħu fil-Kamra u dan anke billi meta fit-tweġiba għal mistoqsija parlamentari ssir referenza għal sit elettroniku – f'dan il-każ fil-gazzetta tal-Gvern – hu rakkomandabbli li titpoġġa fuq il-Mejda tal-Kamra, kopja pprintjata tad-dokument. Dan iservi wkoll sabiex il-Kamra jkollha rekord tal-informazzjoni mogħtija kif tkun teżisti f'dak il-mument.